

Kampanja għal Postijiet tax-xogħol siguri 2026–2028

FLIMKIEN GĦAS-SAĦĤA MENTALI FUQ IX-XOGĦOL

Nipprevjenu r-riskji psikosoċjali fuq ix-xogħol



Forza tax-xogħol b’saħħitha tidba b’post tax-xogħol li jgħib ‘il quddiem is-saħħa. Meta min iħaddem jagħti importanza lill-ħaddiema u jtihom is-setgħa biex jevitaw il-ħsara kulħadd ikun jista’ jirnexxi. Post tax-xogħol immaniġġjat sew li jindirizza r-riskji psikosoċjali huwa ta’ benefiċċju għall-individwi u jixpruna l-innovazzjoni, il-kollaborazzjoni, u s-suċċess fit-tul.

Il-kampanja “Flimkien għas-saħħa mentali fuq ix-xogħol”, immexxija mill-EU-OSHA, tqajjem kuxjenza dwar ir-riskji psikosoċjali u tippromwovi ambjenti tax-xogħol ta’ appoġġ, inklużivi u li jgħibu ‘l quddiem is-saħħa f’kull settur.



Ammont ta' xogħol eċċessiv, nuqqas ta' kontroll, u komunikazzjoni dgħajfa huma riskji psikosoċjali kbar li jnaqqsu l-benesseri mentali. Jekk jitħallew jikbru bla rażan, dawn jistgħu jwasslu għal burnout, dipressjoni, jew ansjetà, li jaffettwaw lill-ħaddiema u jimminaw il-prestazzjoni, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-intrapriżi.

Il-kampanja tippromwovi l-prevenzjoni permezz ta' evalwazzjoni u mmaniġġjar xierqa tar-riskju,

u tteġġeg il-kooperazzjoni bejn min iħaddem, il-maniġers, il-ħaddiema u r-rappreżentanti. Tisħaq fuq approċċ olistiku li jikkunsidra kemm ir-riskji fiżiċi kif ukoll daww psikosoċjali.

Tenfasizza wkoll l-isfidi speċifiċi għas-settur, il-gruppi vulnerabbli, u tippromwovi soluzzjonijiet inklużivi, filwaqt li tiżgura li kulħadd ikun jista' jaħdem f'ambjent li jappoġġa l-benesseri mentali.

29 % tal-ħaddiema tal-UE jesperjenzaw stress, ansjetà jew dipressjoni kkawżati jew aggravati mix-xogħol.

Stħarriġ OSH Pulse 2025

Esplora l-ħames oqsma ta' prijorità tal-kampanja

1. L-evalwazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskju psikosoċjali;
2. Il-fastidju, il-fastidju sesswali, u l-vjolenza;
3. Ir-riskji fiżiċi u s-saħħa mentali;
4. Ir-riskji psikosoċjali fis-setturi tas-saħħa u tal-kura soċjali; u
5. L-appoġġ għas-saħħa mentali fuq il-post tax-xogħol.



***Ingħaqad fl-azzjoni:
Appoġġja l-kampanja
u għin biex is-saħħa
mentali ssir ċentrali f'kull
impjeg.***



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea



#EUhealthyworkplaces

healthy-workplaces.osha.europa.eu